# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 10 ta' Jannar 2001**

**Numru 13**

**Citaz. numru: 2556/97 NA**

Ritrattazzjoni tal-kawza 878/74 AJM

**Edgar Vella, Iris Vella, Josephine Gauci Maistre u Edith Pace**

**vs**

1. **Tabib Joseph Ralph Grech**
2. **Dottor Leon Bencini, Helen Bencini, Perit Edward Bencini u Godwin Bencini bhala eredi tal-konvenut Edward Bencini ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Ritrattazzjoni - Ingann - Qerq.**

**Il-Qorti ordnat li l-kawza originali kellha tigi ritrattata peress illi l-istess Qorti, diversament presjeduta, kienet giet indotta bil-qerq jew bl-ingann ta' l-attur ghas-sentenza finali taghha. L-interpretazzjoni stretta li ghandha tinghata ghall-provvedimenti li jirrigwardaw ir-ritrattazzjoni ghandhom ikunu applikati ferm aktar b'rigorozita' fejn it-talba tkun biex jigi ritrattat il-meritu tal-kawza. Invece fejn it-talba ssir konsegwenza ta' nuqqas ta' procedura korretta din l-istrettezza mhijiex mitluba.**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha kemm dawk tal-kawza originali kif ukoll dawk ta' din it-talba ghar-ritrattazzjoni ta' l-ewwel kawza; atti li saru voluminuzi specjalment ghaliex huma mizjuda bi zbalji fuq zbalji u li ghalhekk iridu jigu ezaminati kif imiss biex il-Qorti tasal biex tghid jekk dik il-kawza li damet kwazi 23 sena ghandhiex jew le tigi ritrattata. Dawn l-izbalji kollha twieldu, ironikament u paradossalment, minhabba l-mewt ta' Mary Vella - ko-konvenuta fil-kawza Citazzjoni 878/74 fl-ismijiet "Tabib Joseph Ralph Grech vs Edward Bencini u Mary Vella".

Din il-Qorti issa msejha biex twiegeb fl-ewwel lok ghal din id-domanda u cioe' jekk is-sentenza tal-10 ta' Jannar 1997 wara l-process originali fuq imsemmi ttehditx mill-attur Tabib Grech bil-qerq tieghu bi hsara tal-konvenuti li minhabba dik ir-raguni qed jaghmlu t-talba ta' ritrattazzjoni, jew le?

Il-hsara li minnha qeghdin jilmentaw Edgar Vella, Iris Vella, Josephine Gauci Maistre u Edith Pace hija li huma gew ikkundannati in kwantu gew ikkonsiderati bhala eredi ta' Mary Vella meta huma kienu regolarment irrinunzjaw ghal dik l-eredita' hafna qabel ma inghatat is-sentenza kontra taghhom bhalli kieku kienu eredi. Skond dawn il-konvenuti originali l-qerq ta' l-attur jikkonsisti fil-fatt illi ghalkemm huwa kien jaf li huma kienu rrinunzjaw ghall-eredita' ta' ommhom Mary Vella,

u li ghaldaqstant huma ma kellhomx jaghmlu tajjeb ghal dak li kien qed jitlob, huwa xorta wahda baqa' jitlob u induca lill-Qorti biex huma jigu kkundannati.

Ghandu jinghad mill-ewwel illi ghalkemm dawk il-konvenuti originali fl-eccezzjonijiet taghhom iddikjaraw li huma kienu rrinunzjaw ghall-eredita' u kkonfermaw dan bil-gurament, huma pero' ma esibewx kopja tan-Nota li allegatament kienu pprezentaw fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Biex din il-Qorti tkun tista' taghti risposta ghall-mistoqsija fuq maghmulha hemm bzonn li tesponi x'gara sewwa sew fil-kawza kif jirrizulta mill-atti tal-process rigward il-mewt ta' Mary Vella.

L-ewwel data rilevanti hija dik tas-7 ta' Frar 1983 meta l-Qorti nizlet dan il-verbal:

> "*Billi l-attur jinsab imsiefer u mietet Mary Vella, wahda mill-konvenuti, tibqa' ghat-28 ta' Frar 1983 ghal-legittimazzjoni ta' l-atti.*" (Fol. 363).

Ma hemm l-ebda indikazzjoni minn min jew kif il-Qorti giet infurmata bil-mewt ta' Mary Vella.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 1983 invece l-Qorti rregistrat dan il-verbal:

> "*Meta ssejhet il-kawza deher Dr. F. Zammit Dimech u nforma lill-Qorti li l-eredit ta' Mary Vella rrinunzjaw ghall-eredita'. Deher l-attur assistit mill-Avukat Dr. Ian Refalo. Il-kawza tibqa' ghad-29 ta' April 1983 ghal-legittimazzjoni ta' l-atti.*"

Fis-16 ta' Marzu 1983 l-attur originali ipprezenta rikors fejn wara li semma' tlieta mill-konvenuti, cioe' lil Edgar Vella, Iris Vella u Josephine Gauci Maistre, u ddeskrivihom bhala eredi prezuntivi, qal illi "*dawna baqghu ma assumewx l-atti tal-kawza*" u ghalhekk talab lill-Qorti biex tappunta kuraturi deputati biex jidhru minflok Mary Vella. Huwa nnotifika bil-bandu lil Edgar Vella biss.

Dan huwa l-ewwel zball ghaliex ma gietx uzatha l-procedura korretta kif stipulat fl-Artikolu 810 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' dak iz-zmien. L-attur ghamel mill-ewwel talba diretta ghall-hatra ta' kuraturi, mentri din kellha ssir biss meta ma tkun maghrufha ebda persuna li ghandha l-jedd li tirrapprezenta l-mejjet u dana kif ighid l-Artikolu 810 (2) ta' l-istess Kodici waqt li fir-rikors stess l-attur isemmi tlieta minn erba' eredi prezuntivi ta' Mary Vella.

Fuq din l-inkorrettezza l-Qorti flok ma applikat dak li kien jipprovdi l-Artikolu 810 (1) u ordnat in-notifika ta' l-eredi prezuntivi msemmija u

tathom zmien biex jiddikjaraw b'nota jekk riedux ikomplu bil-kawza, fl-4 ta' April 1983, wara li rat li hadd ma accetta l-bandu nnominat lill-Avukat Dr. Kenneth Gulia u l-Prokuratur Legali Benedict Dingli bhala kuraturi. Dan kien ghal kollox skorrett ghaliex imur kontra l-ligi kif tghid is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Gunju 1992 fl-ismijiet "Camilleri et vs Mifsud" li kopja taghha giet anke esebita f'dan il-process (a fol. 111) li kellu japplika l-Artikolu 807 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 u dan kif inhu llum.  Barra effetti ohra ta' din l-irregolarita' kien hemm ukoll il-konsegwenza illi almenu tlieta minn erba' konvenuti ma kienux infurmati b'dak li sar mill-Qorti.

Il-kuraturi damu zmien twil biex jigu notifikati bl-atti tant illi n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghhom saret biss fil-15 ta' Gunju 1984, 'il fuq minn sena minn mindu gew nominati.

Fit-2 ta' Ottubru 1995 Dr. Ian Refalo ghall-attur "*indika li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza, pero' tajjeb li jsir differiment biex fil-mori tal-kawza (sic) isiru n-necessarji notifiki.*"  (fol. 378).

Fl-10 ta' Jannar 1986 gie registrat illi:  "*Peress li l-Qorti ghad ma ghandha ebda ndikazzjoni dwar il-verifiki mitluba minn Dr. Refalo, thalli l-kawza ghat-18 ta' April 1986 biex Dr. Refalo jinforma lill-Qorti dwar ir-rizultat tal-verifiki.*" (fol. 379).

Jidher li dawn il-verifiki ma saru qatt u fl-1 ta' Gunju 1988, wara inattivita' ta' sentejn u tmien xhur, giet pronunzjata sentenza kontra z-zewg konvenuti originali, Edward Bencini u Mary armla Vella, li kienu t-tnejn mietu zmien twil qabel, u allura l-attur originali kellu jappella u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Mejju 1991, annullat is-sentenza u l-atti rritornaw quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Fit-2 ta' Marzu 1993 l-attur originali pprezenta rikors iehor biex jitlob it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuni ta' l-erba' konvenuti, li issa pero' gew deskritti mhux bhala werrieta prezuntivi, izda bhala werrieta. Dan il-kwalita' ta' rikors kien ukoll irritwali ghaliex l-Artikolu 807 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif kien dak iz-zmien, ma kienx jippermetti lil xi hadd, li mhux il-werriet innifsu, li jassumi li xi persuna hija werriet u kellu dejjem jirriferixxi ghal dik il-persuna bhala l-"*werriet prezuntiv*". Dan li zball l-iehor donnu jirrizulta li kien l-aktar zball determinanti ghas-sitwazzjoni li rrizultat, ghaliex minn dan il-mument 'il quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, minghajr ebda prova fuq l-eredita' bdiet tikkonsidra lill-erba' konvenuti bhala effettivament il-werrieta ta' Mary armla Vella.

Dan l-izball kompla jaggrava ruhu ghaliex billi l-attur fir-rikors tieghu injora l-fatt li Mary armla Vella kienet diga' rapprezentata fl-atti minn

kuraturi li kienu gew nominati mill-Qorti ghaxar snin qabel, il-Qorti ghamlet l-istess, u kompliet billi injorat dak kollu li kien hemm fl-atti precedenti w ordnat li jigi esebit ic-certifikat tal-mewt ta' Mary armla Vella, u meta dan sar u rrizulta li l-mewt kienet saret fl-4 ta' Novembru 1982, fit-12 ta' Marzu 1993 laqghet it-talba tar-rikors u l-erba' konvenuti gew imdahhla fil-kawza bhala l-werrieta ta' ommhom.

Fid-29 ta' Marzu 1993 pero', l-Qorti ndunat illi ghaxar snin qabel kienu diga' gew innominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-mejta u ghalhekk ordnat lill-attur biex jirregola ruhu. L-attur allura fit-18 ta' Mejju 1994 talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-12 ta' Marzu 1993 u biex jergghu jigu nominati kuraturi ghall-eredita' ta' Mary Vella. u dawn biex jissostitwixxu dawk ta' qabel ghaliex sadanittant wiehed minnhom kien miet u l-iehor kien dahal bhala Avukat fl-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Il-Qorti pero' ghall-kuntrarju, cahdet dan ir-rikors, irrevokat id-digriet tal-kuraturi tal-4 ta' April 1983 u kkonfermat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 1993 moghti fuq ir-rikors precedenti ta' l-attur li ghar-ragunijiet fuq imsemmija kien wiehed irritwali.

B'hekk sar zball iehor ghaliex l-erba' konvenuti regghu gew imharrka rritwalment, kif intqal, bhala eredi ta' Mary Vella. Notifikati bl-atti dawna eccepew illi huma kienu rrinunzjaw ghall-eredita' ta' ommhom u talbu li

jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Ghall-erba' ahwa kkonfermat din id-dikjarazzjoni bil-gurament Josephine Gauci Maistre (fol. 487).

Fis-26 ta' Ottubru 1994 din il-Qorti ordnat li tigi pprezentata kopja legali tan-Nota ta' Rinunzja ghall-eredita' filwaqt illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 1994 gie registrat li jonqos din in-nota u fl-1 ta' Frar 1995 gie vverbalizzat illi n-nota ma gietx esebita u l-Qorti ghalhekk ordnat illi din tigi esebita sad-differiment li jmiss u li fin-nuqqas tiehu l-provvediment opportun u halliet il-kawza ghal dan l-iskop u ghal-legittimazzjoni ta' l-atti.

Fl-10 ta' April 1995 il-posizzjoni baqghet l-istess u gie vverbalizzat: "*Billi ghadha ma saritx legittimazzjoni ta' l-atti konsegwenti l-mewt ta' Mary Vella, il-kawza tibqa' differita ghal dan l-iskop ghall-4 ta' Ottubru 1995.*" (fol. 502). Segwew differimenti dejjem "*ghal dan l-iskop*", cioe' ghal-legittimazzjoni ta' l-atti fid-29 ta' Novembru 1995, u fit-28 ta' Frar, 22 ta' April, u 4 ta' Ottubru 1996.

Fis-6 ta' Novembru 1996 l-attur ipprezenta rikors fejn espona:

"*1. Illi l-kawza fl-ismijiet premessi ilha zmien twil tigi differita ghal-legittimazzjoni ta' l-atti, izda jekk wiehed jihli sew il-process, isib li l-atti*

*ilhom li gew legittimati almenu mit-12 ta' Marzu 1993 (fol. 458 u notament fit-tieni pagna tac-citazzjoni);*

*2. Infatti minhabba l-mewt tal-konvenuta Mary Vella snin qabel, b'digriet ta' l-imsemmija data l-gudizzju gie trasfuz f'isem l-eredi taghha. Dan id-digriet gie kkonfermat mill-gdid a fol. 468 tal-process.*"

U billi l-konvenuti "*ma gabux prova tar-rinunzja ghall-eredita' ta' ommhom*", talab li "*din l-Onorabbli Qorti ghandha tinjora din l-eccezzjoni, tqis li l-atti huma legittimati skond il-ligi u tghaddi biex tiddeciedi l-meritu tal-kawza fuq il-provi migbura.*"

Dan ir-rikors ma giex notifikat lill-erba' konvenuti u fit-18 ta' Novembru 1996 il-kawza giet differita ghas-sentenza li effettivament inghatat fl-10 ta' Jannar 1997.

Din hija l-istorja tal-kawza u fuq dawn il-fatti w il-provi li saru jistriehu l-konvenuti fit-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni minhabba l-qerq ta' l-attur.

Il-Qorti tibda biex tghid li fliet sewwa dak kollu li hemm fiz-zewg processi (li suppost huma process wiehed) u qrat b'attenzjoni dak li ssottomettew l-Avukati tal-partijiet fin-noti rispettivi taghhom kif ukoll fit-traskrizzjonijiet li sar ta' dak li ssottomettew oralment. Biex hija tasal ghas-soluzzjoni

misthoqqa l-Qorti bilfors trid tiehu bhala l-punt li minnu trid titlaq l-ipotesi illi r-rinunzja ghall-eredita' huwa fatt ghaliex l-allegat qerq ta' l-attur jikkonsisti filli huwa qarraq bil-Qorti meta kien jaf li dik ir-rinunzja kienet saret izda dan nonostante xorta wahda talab lill-Qorti biex tikkundanna lill-konvenuti ghalkemm dawn ma kellhomx ikunu konvenuti gialadarba dik ir-rinunzja kienet effettivament saret. Il-qerq kollu qieghed fil-fatt li ghalkemm (a) fit-28 ta' Frar 1993 l-Avukat Zammit Dimech informa lill-Qorti u lill-attur u lill-Avukat tieghu seduta stante li l-eredi ta' Mary Vella kienu rrinunzjaw ghall-eredita'; u (b) illi meta, anke rritwalment l-"*erba' eredi*" gew imdahhla fil-kawza l-konvenuta Josephine Gauci Maistre, fl-4 ta' Ottubru 1994, iddikjarat bil-gurament taghha illi huma, il-konvenuti, kienu rrinunzjaw ghall-eredita' ta' ommhom, xorta wahda gie ritenut li l-konvenuti fil-kwalita' taghhom bhala eredi tal-mejta Mary Vella, kienu responsabbli u dana peress illi gie ritenut li l-eccezzjoni taghhom li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi rrinunzjaw il-wirt ta' ommhom ma gietx sostnuta billi ma tressqet ebda prova u ghalhekk ma setghetx tigi milqugha.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan il-kliem tas-sentenza ma huwiex preciz. Ma huwiex preciz ghaliex il-gurament ta' Josephine Gauci Maistre jikkostitwixxi prova. Kieku impreciz kieku l-Qorti ddefiniet dik il-prova bhala li ma hijiex l-ahjar prova, ghaliex l-ahjar prova kellha tkun kopja tan-nota ta' rinunzja li dak il-gurament jindika li saret fis-

Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Imma s-sentenza accettat dak li qal l-attur fin-nota responsiva tieghu tat-23 ta' Dicembru 1999: "*Huwa vera li meta ddahhlu fil-kawza l-atturi ritrattandi eccepew li huma kienu rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom, izda huma naqsu milli jgibu l-inqas prova biex jissostanzjaw dak li eccepew*"; u imbaghad ikompli - "*F'dawn ic-cirkostanzi l-allegata rinunzja taghhom, kif tghid testwalment il-ligi, ma setghet qatt tigi prezunta.*"

Din il-Qorti tghid illi verament hija l-kwalita' ta' l-eredi li ma tistax tigi prezunta, kif ghamel l-attur fir-rikors irritwali tieghu tat-2 ta' Marzu 1993 li gie indebitament milqugh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-12 ta' Marzu 1993.

Il-Qorti issa ghandha d-dover li tinterpreta dak li tghid il-ligi fl-Artikolu 811 (a) tal-Kapitolu 12:

"*Jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra.*"

Dan id-dover ma huwiex facli ghaliex il-gurisprudenza fir-rigward hija pjuttost skarsa ghal dak li jirrigwarda l-kuncett ta' "*qerq*" li hija t-traduzzjoni fil-Lingwa Maltija tal-kelma "*dolo*" fit-test original bit-Taljan kemm fl-Edizzjoni originali tal-1854 kif ukoll fl-emendi sussegwenti li

saru fl-1859 u fl-1886. Fit-test fil-Lingwa Ingliza ntuzat il-kelma "*deceit*" u ghalhekk ukoll "*qerq*" tfisser ukoll "*ingann*". Ghalhekk, per ezempju, b'"*qerq*" il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 1942, fl-ismijiet "Pisani utrunque" kitbet "*Mhux kwalunkwe "dolo" jew kwalunkwe ingann ta' parti kontra l-ohra ....*" u ghalhekk dik l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza "Meilaq et vs Camilleri noe" tas-17 ta' Mejju 1989, li kopja taghha giet esebita mill-konvenuti a fol. 104, kienet "*good law*" kuntrarjament ghal dak li qal l-attur fin-nota tieghu a fol. 97 tal-process. Logikament l-ingann isir ghad-dannu tal-parti l-ohra izda hija l-Qorti li tigi ngannata. U hekk tghid dik is-sentenza u ghalhekk dak li jghid l-attur illi: "*Il-gudikant fl-interpretazzjoni tal-ligi ma ghandu qatt ikun soggettiv u jdawwar, biex ma nghidux jghawweg, il-ligi b'mod li tigi tapplika ghall-kaz li jkollu quddiemu*" huwa totalment skorrett u barra minn loku u dan ghaliex ma jidher li hemm xejn minn dan f'dik is-sentenza li, fil-fehma ta' din il-Qorti, interpretat korrettement il-ligi hlief li forsi dik is-sentenza tipperikola t-tezi ta' l-istess attur originali.

Issa jista' jinghad illi l-attur inganna lill-Qorti billi nduciha billi fis-sentenza impunjata hija tikkundanna lill-konvenuti bhala l-eredi ta' ommhom meta din il-kwalita' taghhom ta' eredi kienet il-konsegwenza ta' dik il-kwalifika li arbitrarjament u kontra l-ligi attribwilhom l-attur fir-rikors imsemmi tat-2 ta' Marzu 1993? Din hija l-mistoqsija principali li ghandha ssir f'din it-talba ghar-ritrattazzjoni.

Kif gie espost qabel, it-triq li qabdet din il-kawza u l-izbalji mhux soliti li fiha rrikorrew iwasslu wiehed ghall-konkluzzjoni li din il-Qorti giet zvijata mill-kummissjoni ta' l-izbalji ta' l-attur u l-ommissjonijiet tal-konvenuti; nonostante li dawn sabu rwiehhom irregolarment imharrka f'kwalita' jew veste li ma kellhomx u dan kif xehdet Josephine Gauci Maistre.

Issa dan huwa dak li ssemmi ripetutament l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza recenti taghha tal-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet "Carmel sive Lino Borg vs Henry Thake" u cioe' illi l-qerq jew il-frodi li ssemmi l-ligi "*jridu jkunu jirrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficjata.*" Tghid dik is-sentenza illi t-talba tar-ritrattand ma setghetx tirnexxi ghaliex huwa "*ma kienx qed jallega xi irregolarita' fil-<u>proceduri</u> da parti ta' l-attur fil-konfront tieghu li jammonta ghal qerq u li bhala konsegwenza tieghu s-sentenza kien gust li tigi mhassra.*" Il-kliem "*fil-<u>proceduri</u>*" huwa sottolineat fis-sentenza stess ghaliex l-enfazi kollha tal-Qorti kienet fuq dan l-aspett. U tabilhaqq ingustizzja procedurali ssib ir-rimedju taghha fil-procedura tar-ritrattazzjoni ghaliex kwistjonijiet procedurali huma oggettivi u normalment huma certi u ma jippermettux hafna dubbji. Mhux l-istess jista' jinghad meta l-ilment ikun fuq is-suppost ingustizzja dwar il-meritu. Hemmhekk l-element soggettiv jesigi prudenza hafna akbar. Fit-trattazzjoni orali l-Avukati tal-partijiet ghamlu diversi accenni ghall-kwistjonijiet rikorrenti tal-gustizzja procedurali u l-gustizzja sostanzjali u

waslu biex anke l-Qorti waqt id-dibattitu ghamlet xi interruzzjoni fir-rigward u ghalhekk huwa xieraq li ticcara l-hsieb taghha fuq is-suggett.

Minn tnax-il raguni li jaghtu lok ghar-ritrattazzjoni, zewg terzi minnhom huma ta' natura proceduralі. Dan huwa logiku ghaliex il-procedura li tant jinghadu hwejjeg kontra taghha qieghdha hemm biex turi x'inhi u fejn hi l-ahjar triq li minnha wiehed ghandu jghaddi biex jasal biex jiehu jew jasal ghal Gustizzja tal-kaz. Naturalment il-konvenuti qed jinsistu mal-Qorti li ghandha thares li ssir gustizzja sostanzjali u mhux li tintilef fuq il-gustizzja procedurali w issottomettew hafna konsiderazzjonijiet minghajr ma semmew pero' illi wara kollox huma qed jilmentaw minn ingustizzja sostanzjali proprju ghaliex ma segwewx dak li kienet tiddettalhom il-procedura sana li hemm fil-Kodici u li kienet tevitalhom l-ingustizzja li qed jilmentaw minnha. Izda minn naha l-ohra huma wkoll l-izbalji procedurali li kkommetta l-attur, segwit mill-Qorti, li holqu din is-sitwazzjoni.

Ghaldaqstant billi dak li tghid il-gurisprudenza rigward il-htiega ta' interpretazzjoni stretta ta' dak li hemm fl-Artikolu li jirrigward r-ritrattazzjoni u billi din il-massima, fil-fehma tal-Qorti, tfisser specjalment illi l-Qorti ma ghandhiex tigi ssoggettata li tezamina ghat-tieni darba meritu li hija tkun diga' ddecidiet, u dan huwa sew u necessarju ghal diversi ragunijiet anke ta' ordni pubbliku, fil-kaz prezenti u f'diversi

kazijiet bhalu, din l-istrettezza mhijiex mitluba ghaliex il-motiv ta' ritrattazzjoni huwa ta' facili kostatazzjoni li ma jidholx direttament fuq is-sostanza tal-meritu li jkun gie deciz izda jinfluwenzah biss indirettament semplicement ghaliex proprju l-procedura sana u formali ma gietx segwita, b'ommissjoni jew b'kommissjoni, u minhabba f'hekk inholqot ingustizzja sostanzjali li facilment tista' tigi korretta u dana minghajr b'daqshekk ma jinholqu dawk l-inkonvenjenzi, proprju procedurali, fis-sistema gudizzjarja.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti thassar is-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 1997 u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza b'dan illi l-konvenuti ghandhom igibu l-provi kollha taghhom fl-ewwel seduta u l-attur ikun jista' jirribattihom fis-seduti sussegwenti biex fi zmien qasir tinghata decizjoni.

Il-kawza Citazzjoni Numru 878/74 hija ghalhekk ri-appuntata ghat-2 ta’ Lulju 2001 u tissejjah bejn id-9.30 a.m. u l-10.30 a.m.

L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.